# KUNSILL LOKALI MTARFA

---

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 1 – IL-ĦAMIS 4 TA' APRIL 2013

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7 :30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Kien hemm sebgħa membri tal-pubbliku.

**1. INTRODUZZJONI MILL-KUNSILLIER ANTHONY BUGEJA**

1.1 L-aktar Kunsillier anzjan, il-Kunsillier Bugeja, fetaħ il-laqgħa billi għamel diskors qasir fejn irringrazzja liż-żewġ Kunsilliera mill-ħames leġiżlatura li ma ġewx eletti kif ukoll lill-membri kollha tal-Kunsilli passati. Huwa semma' li matul is-snin li ilu jitħaddem il-Kunsill tal-Imtarfa sar ħafna xogħol għall-benefiċċju tal-lokalità u tar-residenti u awgura li dan il-Kunsill jirnexxielu jkompli jimxi fuq il-passi tajba li ħallew il-Kunsilli ta' qabel.

1.2 Hawnhekk huwa stieden lill-Kunsillier Attard sabiex jieħu postu f'ras il-mejda sabiex il-laqgħa tkun tista' tipproċedi bil-ħatra tiegħu bħala Sindku.

**2. ĦATRA TA' SINDKU**

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsillier Attard jekk kienx se jaċċetta l-kariga ta' Sindku. Huwa qabel u għaldaqstant iffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni.

3. **ĦATRA TA' SINDKU**

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsillier Vella jekk kienx se jaċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku. Huwa qabel u għaldaqstant iffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni.

**4. GĦOTI TAL-ĠURAMENTI TAL-KARIGI TA' SINDKU U VIĊI SINDKU**

4.1 Il-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dott. Ian Micallef, li kien preżenti għal-laqgħa stieden lis-Sindku jaqra d-Dikjarazzjoni, jiffirmaha u jbus is-salib.

4.2 Imbagħad Dott. Micallef stieden lill-Viċi Sindku jaqra d-Dikjarazzjoni, jiffirmaha u jbus is-salib.

## 5. ĦATRA TA' RESPONSABBILTAJIET TAL-MEMBRI TAL-KUNSILL

5.1 Is-Sindku hawnhekk ressaq lista ta' responsabbiltajiet lil kull membru tal-Kunsill u ta spjegazzjoni qasira dwar x'kienu r-responsabbiltajiet ta' kull membru. Ħadd mill-Kunsilliera ma kellu oġġezzjoni għal dawn il-ħatriet.

5.2 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandu jintbagħat fuljett fid-djar kollha sabiex kull resident ikun jaf ir-responsabbiltajiet ta' kull Kunsillier.

## 6. DISKORS MIS-SINDKU

6.1 Is-Sindku hawnhekk għamel diskors qasir fejn fost oħrajn, huwa rringrazzja lir-residenti kollha talli għoġobhom jipparteċipaw fil-proċess elettorali u tal-fiduċja li wrew fih kif ukoll fi sħabu l-Kunsilliera. Huwa appella lill-Kunsill il-ġdid sabiex matul il-leġiżlatura kollha jinżamm rispett lejn xulxin u sabiex kulħadd jaħdem għall-aħjar tal-lokalità mingħajr l-interess politiku jew personali.

## 7. ĠRANET U ĦINIJIET TAL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

7.1 Kien hemm qbil unanimu li m'għandiex tinżamm ġurnata in partikolari għal-laqgħa tal-Kunsill. Kien hemm qbil li possibbilment il-laqgħa għandha tinżamm fis-7:30pm.

7.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8:10pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tnejn 15 ta' April 2013 fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |